Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 29 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**12277/26**

**CLIMA 419**
**ENV 994**
**ENER 537**
**TRANS 524**
**SOC 533**
**FIN 1128**
**RESPR 33**
**COH 138**
**CADREFIN 346**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 29 ta' Lulju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2026) 5266 final |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'29.7.2026<br>dwar il-Pjan Soċjali għall-Klima ta' Malta, il-finanzjament tal-Pjan u l-programm ta' ħidma għall-2026–2032 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 5266 final.

Mehmuż: C(2026) 5266 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.7.2026
C(2026) 5266 final

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta'29.7.2026**

**dwar il-Pjan Soċjali għall-Klima ta' Malta, il-finanzjament tal-Pjan u l-programm ta' ħidma għall-2026–2032**

(IT-TESTI BIL-MALTI U BL-INGLIŻ BISS HUMA AWTENTIĊI)

MT MT

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta'29.7.2026**

**dwar il-Pjan Soċjali għall-Klima ta' Malta, il-finanzjament tal-Pjan u l-programm ta' ħidma għall-2026–2032**

(IT-TESTI BIL-MALTI U BL-INGLIŻ BISS HUMA AWTENTIĊI)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 110(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Novembru 2025, Malta ppreżentat il-Pjan Soċjali għall-Klima (il-"Pjan") nazzjonali tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2023/955. Wara l-osservazzjonijiet mibgħuta mill-Kummissjoni, Malta ppreżentat verżjoni riveduta tal-Pjan lill-Kummissjoni fid-**19 ta' Ġunju 2026**. Il-Pjan ġie emendat fil-verżjoni finali tiegħu, li waslet fil-**15 ta' Lulju 2026**, wara korrezzjonijiet tekniċi. Intlaħaq qbil bejn Malta u l-Kummissjoni dwar estensjoni tal-iskadenza għall-valutazzjoni, skont l-Artikolu 16(1) tal-istess regolament, għal perjodu totali ta' 5 xhur.

(2) Il-Pjan tħejja minn Malta, wara konsultazzjoni pubblika skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2023/955. Il-Pjan juri li Malta kkonsultat firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati rilevanti. Fi Frar 2024, fil-livell nazzjonali, bdew konsultazzjonijiet, li involvew ministeri tal-gvern u entitajiet mistiedna. F'Settembru 2024, saret konsultazzjoni usa', li involviet rappreżentanti tal-gvern, sħab ekonomiċi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u gruppi taż-żgħażagħ u reġjonali. Fl-aħħar nett, f'Ġunju 2025, saret konsultazzjoni pubblika miftuħa, li ppermettiet lill-pubbliku jikkontribwixxi għall-istrateġija għall-użu tal-Fond Soċjali għall-Klima (FSK) u jipprovdi feedback. Fil-livell reġjonali u lokali, ġie organizzat avveniment informattiv għall-kunsilli lokali. Bosta mill-inputs ipprovduti permezz tal-konsultazzjonijiet ġew integrati fil-Pjan, kif deskritt fit-Taqsima 1.3 tiegħu.

(3) Jenħtieġ li Malta tkompli tinvolvi ruħha mas-sħab soċjali u mas-soċjetà ċivili matul l-implimentazzjoni tal-Pjan. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha,

[1] ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/955/oj.
[2] ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fil-Pjan.

(4) Il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima jenħtieġ li jsegwu l-objettivi ġenerali tal-Fond Soċjali għall-Klima (il-"Fond") stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955 sabiex jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, lill-mikrointrapriżi vulnerabbli u lill-utenti tat-trasport vulnerabbli billi jindirizzaw l-impatti soċjali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE[3].

(5) Il-Pjan jistabbilixxi l-elementi kollha elenkati fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2023/955. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2023/955, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-Pjan filwaqt li qieset l-isfidi speċifiċi u l-allokazzjoni finanzjarja ta' Malta.

(6) Kif meħtieġ mill-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2023/955, il-Pjan huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiegħu, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu, il-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini tiegħu, il-pjan nazzjonali integrat aġġornat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima u l-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta tiegħu u mal-impenji li ħadet Malta f'dan ir-rigward.

(7) Il-Pjan ta' Malta huwa magħmul minn żewġ komponenti kif ukoll minn azzjonijiet għall-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2023/955.

(8) Il-komponent tas-"settur tal-bini" jinkludi żewġ investimenti, b'mod partikolari t-titjib tal-effiċjenza enerġetika u tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (RES) fil-proprjetajiet tal-akkomodazzjoni soċjali pubblika u l-modifika retroattiva tal-unitajiet tal-akkomodazzjoni soċjali pubblika biex jittejjeb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija.

(9) Il-komponent tas-"settur tat-trasport bit-triq" jinkludi żewġ investimenti, b'mod partikolari l-forniment ta' servizzi tat-trasport tal-komunità lil utenti tat-trasport vulnerabbli u t-titjib tal-użu ta' vetturi elettriċi (EVs) minn mikrointrapriżi vulnerabbli.

(10) L-investimenti fis-"settur tal-bini" huma maħsuba biex jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli billi jtejbu l-effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-proprjetajiet tal-akkomodazzjoni soċjali pubblika. Billi ttejjeb ir-rendiment ta' dawn l-infrastrutturi pubbliċi, Malta għandha l-għan li tiżgura impatt dirett fuq il-faqar enerġetiku f'unitajiet domestiċi vulnerabbli li jibbenefikaw mill-programm nazzjonali tal-akkomodazzjoni soċjali u li ttaffi l-impatt li l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE se jkollha fuqhom.

(11) L-investimenti fil-komponent tas-"settur tal-bini" huma konsistenti mal-impenji ta' Malta skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Il-komponent tas-"settur tal-bini" mistenni jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-klima u tal-enerġija ta' Malta skont il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima aġġornat u l-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030. L-investimenti jagħtu spinta lill-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi (PVs) f'Malta, possibbilment permezz tal-komunitajiet tal-enerġija. Dan għandu impatt ukoll fuq il-Prinċipji 19 u 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali billi jtejjeb l-aċċess għal akkomodazzjoni ta' kwalità u servizzi essenzjali.

---

[3] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj

(12) Il-komponent tas-"settur tat-trasport bit-triq" jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-faqar tat-trasport u għall-mitigazzjoni tal-impatt tal-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Minħabba d-dipendenza kbira ta' Malta fuq il-vetturi privati u l-karatteristiċi insulari tagħha, l-utenti tat-trasport vulnerabbli u l-mikrointrapriżi vulnerabbli huma partikolarment esposti għal żidiet fil-kostijiet tat-trasport. L-investimenti li jappoġġaw is-servizzi tat-trasport komunitarju se jtejbu l-aċċess għal servizzi essenzjali għall-utenti tat-trasport vulnerabbli, b'mod partikolari l-persuni anzjani, il-persuni b'diżabbiltajiet, fiżiċi u/jew mentali, u l-persuni b'mobbiltà limitata. L-investiment li jappoġġa l-użu ta' vetturi kummerċjali elettriċi u l-infrastruttura tal-iċċarġjar jiffaċilita t-tranżizzjoni ta' mikrointrapriżi vulnerabbli lejn soluzzjonijiet ta' mobbiltà aktar nodfa u jnaqqas l-esponiment tagħhom għal żidiet fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili. Għaldaqstant, l-investiment se jikkontribwixxi għall-ħolqien tal-kundizzjonijiet għat-tnaqqis gradwali tad-dipendenza fuq il-prezzijiet regolati tal-fjuwils fossili.

(13) L-investimenti fil-komponent tas-"settur tat-trasport bit-triq" huma konsistenti mal-impenji ta' Malta skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Dawn jikkontribwixxu għar-rispett tal-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali billi jtejbu l-aċċess għal servizzi essenzjali. Jappoġġaw ukoll it-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero. Il-komponent mistenni jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi klimatiċi u enerġetiċi ta' Malta skont il-pjan nazzjonali aġġornat dwar l-enerġija u l-klima, il-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u l-istrateġija għal mobbiltà sostenibbli u intelliġenti, filwaqt li jappoġġa tranżizzjoni ġusta għall-utenti tat-trasport u l-mikrointrapriżi vulnerabbli.

(14) Il-Pjan jipproponi allokazzjoni bbilanċjata bejn il-komponent tas-settur tal-bini u l-komponent tas-settur tat-trasport bit-triq. L-unitajiet domestiċi vulnerabbli jiffaċċjaw riskji dejjem akbar ta' faqar enerġetiku, iżda l-impatt tal-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE jista' jkun partikolarment sinifikanti f'Malta minħabba d-dipendenza kbira fuq il-vetturi privati u l-importanza tat-trasport fil-konsum finali tal-enerġija. L-allokazzjonijiet tal-investimenti f'kull komponent huma proporzjonati mal-isfidi identifikati. L-allokazzjonijiet huma mmirati lejn gruppi speċifiċi u jipprovdu rispons koerenti għall-impatti soċjali li jirriżultaw mit-tranżizzjoni ekoloġika. Il-komponent tas-settur tal-bini jindirizza l-esponiment tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli għall-kostijiet tal-enerġija li qed jiżdiedu. Il-komponent tas-settur tat-trasport bit-triq jindirizza l-faqar tat-trasport u jappoġġa lill-mikrointrapriżi vulnerabbli li huma esposti għal żieda fil-kostijiet tat-trasport, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għall-isforzi biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026.

(15) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u f'konformità mal-Artikolu 16(3), il-punt (a)(i) tar-Regolament (UE) 2023/955, il-Pjan jirrappreżenta rispons adegwat għall-impatt soċjali fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli u l-isfidi ffaċċjati minnhom fl-Istat Membru kkonċernat mill-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, b'mod partikolari l-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku jew l-unitajiet domestiċi fil-faqar tat-trasport. Fit-22 ta' Novembru 2024, Malta ttrasponiet il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE permezz ta' emenda tal-Att ta' Malta dwar l-Azzjoni Klimatika, li stabbilixxa l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 643.05.

(16) F'konformità mal-Artikolu 16(3), il-punt (a)(ii), tar-Regolament (UE) 2023/955 u l-gwida pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni C(2025) 880[4], il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni u kkonkludiet li l-miżuri u l-investimenti inklużi fil-Pjan jgħinu biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u ma jagħmlux ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. Għal miżuri u investimenti li l-impatt tagħhom fuq l-objettivi ambjentali jiġġustifika skrutinju mill-qrib, il-konformità mal-prinċipju hija żgurata aktar permezz tal-inklużjoni ta' kriterji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fl-istadji importanti jew fil-miri assoċjati ma' tali miżuri u investimenti.

(17) F'konformità mal-Artikolu 16(3), il-punt (c)(i), tar-Regolament (UE) 2023/955, il-ġustifikazzjoni pprovduta minn Malta għall-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan hija raġonevoli, plawżibbli, konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata mal-impatt ambjentali u soċjali nazzjonali mistenni, filwaqt li tqis ukoll l-ispeċifiċitajiet nazzjonali li jistgħu jħallu impatt fuq il-kostijiet ipprovduti fil-Pjan.

(18) F'konformità mal-Artikolu 16(3), il-punt (c)(ii), tar-Regolament (UE) 2023/955, l-arranġamenti proposti minn Malta mistennija jipprevjenu, jaqbdu u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess b'mod effettiv meta tintuża l-allokazzjoni finanzjarja pprovduta skont il-Fond, inkluż l-arranġamenti li għandhom l-għan li jevitaw finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan jenħtieġ li jiġi żgurat billi tinħatar formalment l-awtorità ta' implimentazzjoni, kif ukoll billi tiġi stabbilita s-sistema ta' kontroll intern għall-Pjan qabel l-ewwel pagament.

(19) Il-valutazzjoni skont l-Artikolu 16(3), il-punt (c)(iii), tar-Regolament (UE) 2023/955 ikkonkludiet li l-istadji importanti u l-miri proposti minn Malta u l-valuri tal-indikaturi tagħhom huma effiċjenti, fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni, l-objettivi u l-azzjonijiet eliġibbli tal-Fond.

(20) F'konformità mal-Artikolu 16(3), il-punt (b)(ii), tar-Regolament (UE) 2023/955, l-arranġamenti proposti minn Malta jiżguraw il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-Pjan, inklużi l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati. L-arranġamenti għall-għoti ta' aċċess lill-Kummissjoni għad-data rilevanti sottostanti huma adegwati biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-Pjan.

(21) L-appoġġ finanzjarju mill-Fond jiddependi fuq il-kisba minn Malta tal-istadji importanti u l-miri għall-miżuri u l-investimenti. Kull stadju importanti u mira jiġu assenjati valur ta' żborż. Sabiex jiġu pprovduti ċarezza u trasparenza dwar il-pagament tal-allokazzjonijiet mill-Fond, l-indikaturi għall-kejl tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri u l-valuri ta' żborż korrispondenti tagħhom huma stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni. Il-valur ta' żborż jikkonsisti fil-valur tal-iżborż monetarju li l-Kummissjoni trid tħallas lill-Istat Membru wara valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni li l-istadju importanti jew il-mira relatati mal-miżura jew mal-investiment rispettiv inkisbu b'mod sodisfaċenti. Il-Pjan Soċjali għall-Klima jiddeskrivi s-sistemi stabbiliti għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll tiegħu. Malta ħatret id-Diviżjoni tal-Fondi u l-Programmi (DFP), li taqa' taħt il-Ministeru responsabbli mill-Fondi

---

[4] L-Avviż tal-Kummissjoni "Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima, C(2025) 880 final.

[5] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj).

Ewropej, bħala l-awtorità għall-implimentazzjoni tal-FSK kif ukoll għall-iffirmar tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni li takkumpanja kull talba għall-pagament. Id-Direttorat għall-Awditjar Intern u l-Investigazzjonijiet (DAII), li huwa dipartiment indipendenti li jaqa' taħt il-mandat tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, huwa maħtur bħala l-korp tal-awditjar responsabbli mis-sistemi u l-operazzjonijiet tal-awditjar.

(22) Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan, din id-Deċiżjoni se tirrappreżenta deċiżjoni ta' finanzjament pluriennali u programm ta' ħidma pluriennali għall-2026–2032, f'konformità mal-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u l-elementi meħtieġa biex isiru impenji baġitarji annwali.

*Valutazzjoni pożittiva*

(23) Jenħtieġ li tiġi speċifikata l-allokazzjoni finanzjarja massima mill-Fond allokata għall-Pjan f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2023/955 u ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 17(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2023/955 li trid titħallas f'pagamenti parzjali, f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/955, ladarba Malta tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

(24) Il-kostijiet totali stmati tal-Pjan kif indikat minn Malta huma ta' EUR 60 599 503.

(25) Il-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet stmati tal-Pjan hija ta' EUR 15 189 480.

(26) Malta ppreżentat Pjan lill-Kummissjoni li jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2023/955, iżda l-valutazzjoni tal-Kummissjoni identifikat dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll intern. F'konformità mal-Artikolu 17(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2023/955, Malta trid timplimenta miżuri addizzjonali, kif stabbilit fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni, biex tindirizza dawk id-dgħufijiet fil-Pjan qabel l-ewwel pagament.

(27) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Kummissjoni rigward il-konformità ta' kwalunkwe miżura jew investiment appoġġati skont il-Pjan mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli fiż-żmien meta jingħata l-appoġġ.

(28) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Pjan jikkonforma mar-Regolament (UE) 2023/955 u mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Għaldaqstant jixraq li tingħata valutazzjoni pożittiva dwar il-Pjan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*
*Valutazzjoni tal-Pjan Soċjali għall-Klima*

1. Il-Pjan Soċjali għall-Klima (il-"Pjan") ta' Malta, ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2025, u fil-verżjoni finali tiegħu fid-19 ta' Ġunju 2026, huwa vvalutat b'mod pożittiv.

2. Il-miżuri u l-investimenti skont il-Pjan, l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Pjan, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti huma stabbiliti fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

3. Kull stadju importanti u mira għandhom jiġu assenjati valur ta' żborż. Il-valur ta' żborż għandu jikkonsisti mill-valur tal-iżborż monetarju li l-Kummissjoni għandha tħallas lil Malta wara valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni li l-istadju importanti

jew il-mira relatati mal-miżura jew mal-investiment rispettiv jintlaħqu b'mod sodisfaċenti.

4. Fuq talba mill-Kummissjoni, għal finijiet ta' awditjar jew kontroll, Malta għandha tipprovdi aċċess sħiħ lill-Kummissjoni għad-data rilevanti sottostanti li tappoġġa l-evidenza għall-kisba tal-istadji importanti u l-miri fir-rigward tat-talbiet għall-pagament ippreżentati minn Malta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/955.

*Artikolu 2*
*Kontribuzzjoni finanzjarja*

5. L-allokazzjoni finanzjarja massima mill-Fond Soċjali għall-Klima għall-implimentazzjoni tal-Pjan mill-2026 sal-2032 hija stabbilita għal EUR 45 410 023, u għandha tiġi ffinanzjata rispettivament mill-approprjazzjonijiet ta' EUR 10 404 293 imdaħħla fil-linja baġitarja 09 05 01 tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-snin 2026–2027, u mill-approprjazzjonijiet ta' EUR 35 005 730 imdaħħla fil-linja baġitarja 02 02 03 01[6] tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-snin 2028–2032.

6. Il-Pjan għandu jiġi ffinanzjat f'konformità mal-Artikoli 10a(8b), 30d(3) u 30d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima u l-approprjazzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern għall-finijiet tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30d(4), is-sitt subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE.

7. L-allokazzjonijiet annwali għall-fini li jiġu stabbiliti l-impenji baġitarji individwali, stabbiliti fl-Anness IV għandhom isiru disponibbli f'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2023/955 fil-bidu ta' kull sena finanzjarja, b'bidu mill-1 ta' Jannar 2026.

8. Il-pagament tal-allokazzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) 2023/955 għandu jsir wara d-dħul fis-seħħ tal-impenn legali msemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2023/955. Dan għandu jsir f'pagamenti parzjali, li huma rrappreżentati mis-somma tal-valuri tal-iżborż tal-istadji importanti u l-miri miksuba b'mod sodisfaċenti identifikati fit-talbiet għall-pagament ippreżentati lill-Kummissjoni.

9. Il-ħlas tal-pagamenti parzjali għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament, f'konformità mal-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) 2023/955.

*Artikolu 3*
*Deċiżjoni ta' finanzjament pluriennali u programm ta' ħidma pluriennali għall-Pjan*

Din id-Deċiżjoni dwar il-valutazzjoni pożittiva tal-Pjan tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament pluriennali u programm ta' ħidma pluriennali għall-implimentazzjoni tal-Pjan mill-2026 sal-2032.

[6] Nomenklatura temporanja sakemm jintlaħaq ftehim dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2028 sal-2034.

*Artikolu 4*
*Miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet fis-sistema ta' kontroll intern f'konformità mal-Artikolu 17(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2023/955*

Malta għandha timplimenta miżuri addizzjonali fil-Pjan biex tindirizza d-dgħufijiet fis-sistema ta' kontroll intern, kif stabbilit fl-Anness III, u għandha tikseb dawk il-miżuri qabel l-ewwel pagament.

*Artikolu 5*
*Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell, 29.7.2026

*Għall-Kummissjoni*
*Roxana MÎNZATU*
*Viċi President Eżekuttiv*

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

**Martine DEPREZ**
**Id-Direttur**
**Teħid tad-Deċiżjonijiet u Kulleġġjalità**
KUMMISSJONI EWROPEA